MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR
## RAPHAEL FENECH ADAMI

Seduta tal-31 ta' Ottubru, 2005

Talba Numru. 2275/2004

**MILLER DISTRIBUTORS LIMITED**

**vs**

**MARIO ATTARD FLORES**
**f'ismu proprju kif ukoll bhala ezercitanti l-kummerc that l-isem**
**"Phones R US"**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-30 ta' Novembru, 2004, fejn intalab li l-konvenut proprio et.nomine jigi kkundannat ihallas lis-socjeta attrici s-somma ta' seba' mija u tlieta u erbghin lira Maltin u tmenin centezmu (Lm743.80) rappresentanti prezz ta' merkanzija mibjugha u debitament ikkonsenjata mis-socjeta attrici lill-konvenut, fuq inkarigu tal-konvenut stess.

Bl-ispejjezu bl-imghaxijiet legali sal-pagament effettiv kontra l-konvenut proprjio et.nomine, ingunt in subizzjoni.

Wara li ra n-nota tal-mistoqsijiet tas-socjeta attrici sabiex l-konvenut proprio et.nomine iwiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi ippruvat (Artikolu 698(2) u 702 tal-Procedura Civili);

Billi ghalkemm notifikat regolarment l-konvenut proprio et.nomine naqas u ma deherx la fis-seduta tal-25 ta' Frar 2005, meta gew ipprezentati l-kapitoli ghas-subizzjoni u lanqas ghas-seduta ta' llum, u n-nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut proprio et.nomine ihallas lis-socjeta attrici s-somma ta' seba' mija u tlieta u erbghin lira Maltin u tmenin centezmu (Lm743.80), bl-imghaxijiet legali.

L-ispejjez ta' dina l-istanza ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenut prorpio et.nomine.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------